# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **43** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2012 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja (daħal għall-laqgħa fis-6.15pm) |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Jesmond Mugliett (daħal għall-laqgħa fis-6.17pm)<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal għall-laqgħa fit-8.20pm) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużat | Is-Sur John B. Camilleri |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 42.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni tat-Tender u Kwotazzjonijiet
   KLM 2012/07 – Cleaning Maintenance and upkeep of parks and gardens and soft areas.
   MLC 10/2012 – Supply and Installation of Four(4) Stainless Steel Signs as part of the ERDF 212 Project – 'The Regeneration of the Tourism Market in Marsaskala.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

**Il-laqgħa ġiet imexxija mill-Viċi Sindku fl-assenza tas-Sindku.**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 42(1) tat-13 ta' Novembru 2012:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi Mozz 6.3 trid tinbidel u tinqara hekk:

*"Il-Kunsill approva li għandna nitolbu l-parir tat-TM dwar dan, għaliex finalment Reserved Parking ikollha bżonn l-approvazzjoni mingħand Transport Malta".*

❖ ***Is-Sindku daħal għal-laqgħa fis-6.15p.m u ppresieda l-laqgħa.***

1.1.2 Il-Kunsillier ~~Is-Sindku~~ s-Sur Lawrence Ciantar qal li item # 3.22 l-aħħar paragrafu għandu jinbidel u jinqara hekk:

*"Il-Kunsill approva unanimament li dawn il-Kunsilliera jmorru mal-Perit ħalli jerġgħu jiġu magħżula t-toroq it-tajba u b'hekk nieħdu stimi kemm tat-tarmak, kif ukoll tal-konkos. Il-Kunsill qabel illi bħala prinċipju nibdew mit-triq prinċipali cioe` minn ħdejn il-Knisja sa Triq iż-Żafran umbagħad wara niddeċiedu fuq it-toroq sekondarji".*

1.1.3 Il-Kunsillier ~~Is-Sindku~~ s-Sur Lawrence Ciantar qal li item # 1.1.1 għandu jitneħħa l-aħħar paragrafu.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett daħal għal-laqgħa fis-6.17p.m***

**Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur George Farrugia ssekonda.**

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

**Laqgħa Nru 42(2) tat-13 ta' Novembru 2012:**

2.1 **Stima tal-Perit għal Triq il-Bidni (34/6684/12/I)(punt #3.22):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja nforma lill-Kunsilliera illi kienu ltaqgħu mal-Perit fuq il-post u ddiskutew l-istima li kien ħejja. Huwa ġibed l-attenzjoni li fl-istima kien hemm imniżżel ħafna sqaqien ili ma jintużawx mir-residenti u allura għażlu sqaqien oħra illi jintużaw l-aktar mir-residenti.

Is-Sindku kompla jispjega illi peress li l-makkinarju ma jidħolx fl-isqaqien biex issir kollha bil-konkos, allura ser ssir faxxa konkos mal-ħitan tas-sejjieħ u fin-nofs isir bit-tarmak. Huwa żied jgħid ukoll li b'din il-faxxa ser niffrankaw ukoll il-qtugħ tal-ħaxix.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk għandniex l-istima peress li biddilna l-isqaqien.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li l-Perit għadu m' għamilx l-istima.

Is-Sindku qal li x-xogħol xorta ser isir is-sena d-dieħla u sadanittant il-Perit jilħaq ilesti l-istima u nkunu nistgħu niddiskutuhom fil-laqgħa li jmiss.

**Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi iċ-ċekk tal-UIF tal-Bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici huwa lest min-naħa tal-MEPA.**

2.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri spjega illi kien hemm diġa xi applikanti sabiex jagħmlu dan il-kors pero` l-ħinjiet li kienu ngħataw ma kienux tajbin għall-applikanti. Huwa żied jgħid illi ser jerġa jipprova jniedi dan il-kors għal Jannar u jsir f'ħinjiet li jkunu possibli li l-applikanti jattendu dan il-kors.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal-laqgħa fit-8.20p.m***

2.3 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsilliera li l-attivita` li kellha ssir il-Ħadd 9 ta' Diċembru 2012 ma setgħetx issir kif kienet pjanta minħabba l-maltemp u għaldaqstant il-parteċipanti tal-weightlifting ma setgħux joħorġu l-apparat tagħhom biex jesibixxu. Huwa kompla jgħid li Grabiel Restorant pprovda t-tinda sabiex issir l-esibizzjoni tal-Judo. Waqt din l-attivita` inġabru €80 għall-Istrina li kien se jippreżentom propju dakinhar stess.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibgħatu ittra ta ringrazzjament lill-Waterline Restorant u l-Grabiel Restorant ta' l-għajnuna li offrew għal din l-attvita`.

- ***Il-Kunsillier s-Sur Daniel Spiteri ħareġ mill-laqgħa fit-8.30p.m***

2.4 <u>**Korsijiet tal-Kompjuter mit-TCTC (35/6407/12/O) (punt #3.2):**</u>

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li l-kumpanija TCTC apparti l-kors tal- *e-lifestyle* u *ecdl*, bl-istess prezz se nkunu qed noffru ukoll l-*basic course* u dan grazzi għal kumpanija TCTC.

2.5 <u>**Punt 2.5 ta' paġna 3:**</u>

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kien irrimarka li d-dawl tal-Milied sar mil-kuntrattur tal-Wasteserv pero` l-fustun għadu ma xegħelx.

Is-Sindku qal li l-fustun issa xegħel għaliex kien hemm xi problemi pero` ġie rranġat kollox min-naħa tal-kuntrattur tal-Kunsill peress li l-fustun huwa propju tal-Kunsill.

2.6 <u>**Talba mingħand is-Sur Matthew Pace għall-embellishment tal-ġnien li jinsab quddiem ir-restorant Summer Nights (35/6150/12) (punt 3.8):**</u>

Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne staqsiet jekk kellniex risposta min-naħa dwar dan is-suġġett.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għalkemm ktibna lill-*Lands Department* għad ma għandniex risposta min-naħa tagħhom. Konna bagħtna ukoll lis-Sur Pace biex jagħtina aktar nformazzjoni iżda għadna ma rċevjniex risposta.

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li qed ikun hemm vetturi pparkjati quddiem l-entratura tal-*gate* ta' quddiem il-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici.

Is-Sindku nfurmah illi għada ser isiru l-marki tal-karreġjata neċessarji sabiex dan il-parkeġġ ma jibqax isir.

3.0 <u>***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***</u>

3.1 <u>**Pothole Issues (35/6916/12/I):**</u>

Is-Sindku qara l-komunikazzjoni fejn qal li s-Sur Geoffrey Zammit kien qed jitlob rimbors ta' €66.00 minħabba l-ħsara li għamel fit-*tyre* tiegħu b'kaġun ta' ħofra li kien hemm fi Triq tal-Gardiel.

Wara li l-Kunsill ra li kellu d-dokumenti kollha meħtieġa, qabel unanimament illi jingħata 75% tal-ħsara cioe` €49.50 u dan peress li t-tyre ma kienx wieħed ġdid.

3.2 **Road levels and alignment at Xibka, Marsaskala (35/6774/12/I):**

Is-Sindku beda biex jgħid li kellna ħafna ilmenti f'din it-triq u l-Kunsill għamel dak li seta biex isolvi ftit minnhom. Huwa żied jgħid li kien kellem kemm lill-Pulizija u kemm lit-TM sabiex jgħidluna min kien is-sid ta' din it-triq. Huwa żied jgħid li hu tkellem mat-TM rigward it-toroq li kellhom jiġi asfaltati u meta kellimhom fuq din it-triq kienu qalulu li din it-triq hija responsabilta` tagħna.

Is-Sindku kompla jgħid li din it-triq mhux fl-iskema u allura wieħed ma jistgħax jgħid li din it-triq hija tagħna. Apparti minn hekk huwa qal li kieku biss din it-triq hija responsabilta` tagħna xorta waħda l-ewwel darba għanda ssir min-naħa tat-TM.

Il-Kunsilliera is-Sur Lawrence Ciantar qal illi din it-triq għandha isem u li kieku hija privata din ma tingħatax isem.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandna niktbu lit-TM sabiex jagħtuna linja gwida min-naħa tagħhom.

3.3 **Ta' Monita Road Resurfacing (35/7152/12/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi t-toroq li kellhom isiru *resurfacing* saru, pero` l-parti ta' Triq iż-Żonqor li konna tlabnihom sabiex jagħmlu, huwa stqarrew illi m'humiex f'pożizzjoni finanzjarja li jagħmluha. Huwa żied jgħid illi fil-rejalta` din il-parti tat-triq ma kienux jgħaddu trakkijiet minnha.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-garanzija bankarja għandha tiġi rilaxxata.

Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu din il-parti ta' Triq iż-Żonqor għandna nirranġaw l-ispralli u anke ntuha saff ta' tarmak għaliex vera tinsab fi stat ħażin. Huwa qal lill-Kunsilliera illi jekk jaqblu li ssir allura din għanda issir s-sena d-dieħla.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ssir s-sena d-dieħla. *Dan il-proġett kien diġà approvat mill-kunsill sentejn ilu.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li Pjazza Dun Tarċis Agius ħdejn it-Tiffany's Kiosk hemm problema ta' l-ilma u għandha bżonn li din il-parti tat-triq togħla. Apparti dan qal li l-karozzi qed jagħmlu ħafna ħsara fil-vetturi tagħhom peress li ħafna drabi jitla' l-ilma baħar. Huwa kompla jgħid li aħna kellna nitkbu lit-TM sabiex ningħataw rifużjoni tal-flus li wżajna fi Triq il-Qaliet, hu b'dawn il-fondi nkunu nistgħu nagħmlu din it-triq.

Is-Sindku wieġbu illi l-problema tal-ilma baħar ittaffit milli kif kient qabel u qal ukoll illi l-*bendy buses* qed jagħmlu ħafna ħsara. Huwa żied jgħid illi t-TM talbu sabiex issir laqgħa mal-Kunsill tagħna pero` wara laqgħa li kien attenda flimkien ma' Sindki oħra ma' l-Assoċjazzjoni tas-Sindki, huma kienu qed jitolbu laqgħa mat-TM sabiex jitkellmu f'isem is-Sindki.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-Assoċjazzjoni u nistaqsuhom jekk il-Kunsill tagħna għandux jagħmel din il-laqgħa mat-TM.

3.4 **Karru mkisser fi Triq il-Bidni tas-Sur Keith Muscat:**

Is-Sindku qal li s-Sur Keith Muscat kien qed jitlob rimbors ta' €370 fuq ħsara li għamel fuq il-karru tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm diskrepanzi bejn l-*istatement* tal-Puluzija u l-ammont ta' affarijiet indikati fl-*invoice*.

Il-Kunsilliera ddiskutew fuq din il-ħsara u fost il-punti li tqajjmu kien hemm li qed jarawa stramba illi tkisser żewġ *suspensions*, żewġ *hubs* u żewġ *tyres*. Punt ieħor li qam kien li Triq il-Bidni hija dejqa sabiex tgħaddi b'ċertu veloċita` b'karru mwaħħal mal-vettura u allura meta tkun għaddej bil-mod m'għandiex issir il-ħsara li qed jisħaq hu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu jġibilna r-ritratti u aktar provi.

3.5 **PC0040/12 (35/6247/12/O):**

Kien hemm diskussjoni bejn il-Kunsilliera għaliex il-pjanti li kien issottometta mhux qegħdin spjegati tajjeb bħala toroq.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-MEPA sabiex iwaqqfu l-proċess tal-applikazzjoni u nitolbuhom sabiex niltaqgħu magħhom sabiex jiġu spjegati aħjar il-pjanti.

3.6 **Vacation leave akkumulat tal-Impjegati tal-Kunsill 2013:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi hu, s-Sinjorina Chantel Zammit, is-Sinjura Claudine Fenech u s-Sinjura Lucille Bonnici qed jitolbu sabiex il-*leave* akkumult għas-sena 2012 jiġġedded għas-sena 2013.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.7 **Douzelage Annual General Meeting Bellagaio 2013 (35/7296/12/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi s-sena li ġejja rridu ntellgħu żewġ studenti wieħed li għandu x'jaqsam mal-*catering* u l-ieħor fuq mużika. Fis-sena 2013, il-laqgħa annwali se issir Bellagio.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nieħdu sehem.

3.8 **Reduces Hours tas-Sinjura Claire Attard (35/7361/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi s-Sinjura Claire Attard ser tirritorna lura għax-xogħol mill-1 ta' Jannar 2013 fuq bażi ta' *reduced hours*.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.9 **Petizzjoni minn Residenti li joqgħodu fi Triq ix-Xmiel (35/7359/12/I):**

Is-Sindku preżenta petizzjoni tar-residenti li joqgħodu fi Triq ix-Xmiel fejn qed jitolbu li din it-triq issir *one way*.

Il-Kunsill qabel unanimament li din it-triq ma ssirx *one way* pero` qabel illi l-Perit tal-Kunsilll għandu jerġa jagħmel *traffic management* u nerġgħu nibgħatuha lit-TM filwaqt li ngħarfu lir-residenti dwar dan.

3.10 **Art fi Triq il-Qrempuċ ma Triq il-Gemmugħa u Triq Salvu Buhaġair:**

Is-Sindku nforma il-Kunsilliera illi s-sid ta' din l-art ma tellax iċ-ċint kif kien wiegħed li ser jagħmel u meta reġa kkomunika miegħu qallu li hemm problema minħabba d-drenaġġ.

Il-Kusnill qabel illi nirraportaw lil MEPA biex tittieħed l-azzjoni neċessarja.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi fl-iskeda tal-pagamenti Nru 42 kien hemm pagament numru #2130 u # 2151 mniżżlin doppji, għaldaqstant il-pagament #2130 ġie kkanċellat.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagament #2135 tas-seduta nru.42 jekk kienx ġie issetiljat dan il-pagament

Is-Sindku wieġbu li kien iltaqa` magħhom u qed nistennew sabiex jġibulna invoice / ċevuta fiskali fuq is-*supporting band* sabiex jkun jista` jsir dan il-ħlas.

**Il-Viċi Sidku ppropona l-awtorizzazjoni ta' dawn il-pagamenti u l-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne issekondat.**

5.0 ***Aġġudikazzjoni tat-Tender u Kwotazzjonijiet:***

5.1 **MLC 10/2012 – Supply and Installation of Four(4) Stainless Steel Signs as part of the ERDF 212 Project – 'The Regeneration of the Tourism Market in Marsaskala.**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-andament tax-xogħol. Huwa kompla jgħid illi din il-kwotazzjoni ma ħarġietx qabel għax ma konniex ċerti jekk ridniex oħra għal Triq ir-Ridott ukoll pero` il-proġett ta' Triq ir-Ridott ma ġiex approvat. Huwa żied jgħid illi din il-kwotazzjoni għandha tiġi aġġudikata fuq l-orħos offerent li kien jaderixxi ma l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt.

| | Kuntrattutr | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Michael Briffa | €1,200.00 |
| 2. | Alex Fenech | €1,652.00 |
| 3. | Steel Structures Co Ltd | €2,389.69 |

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tiġi aġġudikat lis-Sur Michael Briffa peress li huwa kien l-orħos offerent li kien *technically and administravtively compliant* mal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt.

5.2 **KLM 2012/07 – Cleaning and Maitenance and Upkeep of Parks and Garens and Soft Areas.**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi l-bord tal-aġġudikazzjoni kien iltaqa` u preżentalhom il-minuti tal-bord tal-aġġudikazzjoni.

| | Kuntrattutr | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | ELC Ltd | €23,000.00 |
| 2. | WM Environmental Ltd | €20,995.00 |
| 3. | Ronald and Chris Bezzina Cleaning Solutions | €55,000.00 |

5.2.1 **ELC Ltd**

[peress li l-kuntrattur WM Environmental kien ġie diskwalifikat peress li ma kienx technically compliant]

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jgħid illi l-orħos offerent li kien ELC Ltd kien *technically and administravley compliant* pero` kien hemm diversi kjarifiki illi l-bord ried jagħmel, fil-fatt dawn il-kjarifiki ntbgħatu lill-offerent u hu rrisponda fi żmien stipulat li kien sas-17 ta' Diċembru 2012. Huwa qara il-kjarifki li ntbgħatu u r-risposta li rċevejna (kopja annessa).

5.2.1 **WM Environmental Ltd**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-bord innota illi fil-*letter of reference* li pprovda minn diversi Kunsilli Lokali m'hemmx indikat li hu ħadem fuq dan it-tip ta' xogħol għalkemm l-ittri ta' referenza ma kienux obbligatorji. Huwa żied jgħid li apparti minn hekk ma ssottomettiex l-informazzjoni mitluba dwar il-*green public procurement* u dawn kienu obligatorji.

Dan il-kuntrattur għaldaqstant ma kienx *technically compliant* mal-kundizzjonijiet mitluba fis-sejħa għall-offerti.

5.2.3 **Ronald and Chris Bezzina Cleaning Solutions**

Il-bord tal-aġġudikazzjoni qal li għalkemm dan l-offerent huwa *technically and administravley compliant*, il-prezz tiegħu jaqbeż l-ammont li hemm allokat fil-budget.

**Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia ppropona illi dan it-tender jiġi aġġudikat lill-ELC Ltd u l-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett issekonda peress li l-kumpanija ELC Ltd tefgħet l-orħos offerta li kienet *technically and administravely compliant* mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt.**

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#371 – 27/11/12):**

*"Jipproponi sabiex ssir zebra crossing fi Triq id-Dañla ta' San Tumas quddiem ir-restorant Langustini jew fil-viċinanzi".*

Il-Kunsill qabel unanimament li nerġgħu niktbu lit-TM.

7.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm l-ebda informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.

- Il-Kunsillier is-sur Lawrence Ciantar qal li fi Triq tal-Gardiel faċċata tal-Palm Valley Restorant qed jipparkjaw il-karozzi u anke hemm tabella li tindika li jistgħu jipparkjaw.

  Is-Sindku wieġbu li it-tabella tindika illi jistgħu jipparkjaw fil-*weekend*.

  Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi anke matul il-ġimgħa qed jipparkjaw.

  Is-Sindku wieġbu li għandna niċċekjaw.

- Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li fi Triq is-Sallur kantuniera ma' Triq tal-Gardiel hemm spazju tal-parkeġġ fil-kantuniera.

  Il-Kunsill qabel li għandna niċċekjaw.

8.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.00p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 16 ta' Jannar 2013 fis-6.30p.m

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***~~Mario Calleja~~*** Charlot Mifsud
~~Sindku~~ Viċi Sindku